TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/151/17/S

*Carmen Gouder u Alexander Gouder*
*vs.*
*Cutajar Limited (C 4975)*

Illum 1 ta' Frar, 2018.

It-Tribunal:

Ra t-talba ta' Carmen Gouder u Alexander Gouder ippreżentata fil-5 ta' Settembru 2017 u r-risposta ta' Cutajar Ltd ippreżentata fid-22 ta' Novembru 2017;

Ra d-dokumenti ippreżentati, sema' lill-partijiet kif ukoll ix-xhieda kollha mressqa u t-trattazzjoni magħmula fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2017.

Ikkunsidra:

Illi fl-Avviż tat-Talba, ir-rikorrenti talbu li s-soċjetà intimata tkun ikkundannata tħallas l-ammont ta' disgħa u disgħin Ewro (€99.00) *stante mobile phone* li darba minnhom, wara li ġie mitfi biex ikun iċċarġjat, dehru fuq l-*iscreen* tiegħu wara li reġa' nxtegħel kliem biċ-Ċiniż.

Illi fir-Risposta, l-eċċipjenti eċċepixxa li meta l-*mobile* ittieħed għandhom għat-tiswija, irriżulta li kien "*locked*" u mhux difettuż, liema sitwazzjoni kienet ħtija tas-sid iżda liema sitwazzjoni setgħet tiġi irrimedjata billi s-*software* tal-*mobile* ikun installat mill-ġdid. Madankollu, it-tekniku tas-soċjetà intimata ma rnexxilux jinstalla s-*software* u offra li jirrifondi l-ammont ta' ħamsa u għoxrin Ewro (€25.00) li r-rikorrenti kienet ħallset għat-tiswija. Ġara iżda li wara ftit jiem, bint ir-rikorrenti ħadet lura l-*mobile* u bdiet tinsisti li tingħata lura l-ammont ta' disgħa u disgħin Ewro (€99.00) li kien il-valur tal-*mobile* meta nxtara.

Illi x-xhieda ta' Carmen Gouder u ta' Matthew Cutajar (direttur tas-soċjetà intimata) huma kunfliġġenti għall-aħħar u tali

konflitt jibda min-natura tal-ilment stess. Filwaqt li Gouder irreferiet għal kitba biċ-Ċiniż, Cutajar xehed li skont il-*job card* relattiva li nħarġet meta l-*mobile* ittieħed għat-tiswija, il-problema kienet li l-*mobile* kien ġie *locked* stante li xi ħadd kien għamel *reset* tiegħu.

Illi kif joħroġ mix-xhieda taż-żewġ naħat, il-persuna li kellmet kemm lir-rikorrenti kif ukoll lil Matthew Cutajar kien/kienet is-*salesman* fl-istabbiliment "*Ultimate*" fir-Raħal Ġdid. Dan il-bniedem, li aktarx seta' jitfa' ħafna dawl fuq il-kwistjoni, ma ġie mħarrek minn ebda parti biex jixhed.

Illi x-xhieda ta' Cutajar hija ferm iktar dettaljata u huwa nnutat li l-istess Cutajar jammetti li l-*mobile* kien għadu taħt il-garanzija relattiva.

Illi Cutajar xehed inkontradett li l-kwistjoni kienet tirrigwarda l-fatt li l-*mobile*, li kellu software "*Android*", kien jopera permezz ta' *password* magħżula mis-sid tal-*mobile*, mingħajr liema *password* il-*mobile* ma setax ikun użat. Fid-dawl ta' dan, jirriżulta li l-ammissjoni ta' Gouder li nsiet il-*password* timmilita xi ftit jew wisq kontra t-teżi tagħha stante li wieħed ma jistax jassenja r-responsabilità tal-fatt li huwa nesa' xi ħaġa fuq xi ħadd ieħor.

Illi peress li Gouder ammettiet li nesiet il-*password* u dan jidher li kien ostaklu konsiderevoli għat-tekniku li pprova jirrimedja s-sitwazzjoni, jirriżulta li l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata huma sostanzjati mill-fatti emerġenti.

Illi għalhekk, it-Tribunal mhux tal-fehma li t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi milqugħa.

*Deċide*

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tar-rikorrenti b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta'dawn il-proċedurii.

Richard Sladden Av.
Arbitru